

# IL-FAMILJA: DRAWWIET U ĠRAJJIETHA FIL-ĠDID TESTMENT[1] (1)

***Marcello Ghirlando***

Meta niġu biex nitkellmu ftit fuq l-istituzzjoni tal-familja fil-Ġdid Testment, anke b'riferiment partikulari għall-Familja Mqaddsa ta' Ġużeppi, Marija u Ġesù, l-ewwel ma jiġini f'moħħi huwa l-kliem tal-Beatu Papa Pawlu VI fis-Santwarju ta' Nazaret, kliem imlissen f'Jannar tal-1964, waqt l-ewwel pellegrinaġġ ta' Papa, il-Qdusija Tiegħu Pawlu VI, fl-Art Imqaddsa, dik l-art li l-istess Papa sejjaħ "il-ħames Vanġelu".

Hekk kien stqarr Papa Montini: *"Id-dar ta' Nazaret hija skola, skola fejn wieħed jitgħallem jagħraf il-ħajja ta' Kristu, skola tal-Evanġelju. Hawn l-ewwel nett nitgħallmu naraw, nisimgħu, nimmeditaw u nifhmu sewwa x'tifsira kbira u għolja għandha għalina l-ħajja mill-iżjed sempliċi, umli u ħelwa li biha l-Iben ta' Alla ried jurina lilu nnifsu. U forsi wkoll bil-ftit il-ftit nitgħallmu nsiru nixbħuh. Din id-dar tagħtina d-dawl, tifthilna t-triq li malajr twassalna biex nagħrfu min hu Kristu. Fuq kollox hawnhekk inħossu l-bżonn li nagħtu ħarsa sewwa lejn dak kollu li għandu x'jaqsam, anzi donnu għandu rabta, mal-għamara ta' Kristu fina; irrid ngħid jien, il-postijiet, iż-żminijiet, id-drawwiet, id-diskorsi, ir-riti mqaddsa, f'kelma waħda dak kollu li bih inqeda Ġesù biex juri lilu nnifsu lid-dinja. Hawn ġew kollox jitkellem, kollox għandu t-tifsira tiegħu… Nitgħallmu wkoll hawnhekk kif għandha tkun l-imġiba tagħna fil-ħajja tad-dar. Għax id-dar ta' Nazaret tfissrilna tajjeb x'inhi l-familja fix-xirka tagħha ta' għożża, fis-sbuħija kbira u mdawla tagħha, fir-rabta qaddisa u sħiħa tagħha; id-dar ta' Nazaret turina kemm hi ħelwa t-trobbija fil-familja li ebda trobbija oħra ma' tista' teħdilha postha; tgħallimna x'inhu l-uffiċċju naturali tal-familja fl-ordni soċjali…"*[2].

Bħal donnu Pawlu VI fakkarna, fost ħafna affarijiet, li biex nifhmu lil Kristu u r-realtà tal-Familja Mqaddsa, irridu ta' bilfors nagħrfu aħjar il-kuntest vitali konkret li fiha għex hu mal-familja tiegħu. Dan jidher b'mod partikluari fil-kliem li nixtieq intenni: *"Fuq kollox hawnhekk inħossu l-bżonn li nagħtu ħarsa sewwa lejn dak kollu li għandu x'jaqsam, anzi donnu għandu rabta, mal-għamara ta' Kristu fina; irrid ngħid jien, il-postijiet, iż-żminijiet, id-drawwiet, id-diskorsi, ir-riti mqaddsa, f'kelma waħda dak kollu li bih inqeda Ġesù biex juri lilu nnifsu lid-dinja"*. Dan se jkun l-iskop ta' dan l-artiklu li bih nixtieq niġbor flimkien xi ideat marbuta mal-familja fil-kuntest tal-Ġudajiżmu kif mgħajjex fil-Palestina tal-Ġdid Testment[3].

Ma naħsibx li nkunu qed nesaġeraw jekk ngħidu li l-istituzzjoni tal-familji fi żmien il-Ġdid Testment kienet il-pedament tal-ħajja soċjali, ekonomika, politika u teoloġika tal-ħajja. Forsi mhux ta' b'xejn li l-Vanġeli huma mirquma bil-ħjut tat-tixbihat u l-lingwaġġ marbut intimament mal-ħajja tal-familja. Ġesù jitwieled u jitrabba f'familja, hu jżur id-djar tal-familji, jgħallem, ifejjaq u jiekol fihom u spiss jinqeda b'tixbihat familjari biex iżewwaq il-parabboli u t-tagħlim tiegħu. Direttament jew indirettament il-familja hija realtà dejjem attwali fil-Vanġeli li jagħtuna l-ġrajja ta' Ġesù.

Dan kollu jinftiehem aktar u aktar meta nġibu quddiem għajnejna kemm il-familja – dik ta' Abraham, Iżakk, Ġakobb, il-familja tat-tribujiet, il-familja tad-"dar ta' ulied Iżrael" kienet il-pern li Alla għażel biex iwettaq progressivament dik li aħna nqisu hija l-istorja tas-salvazzjoni. Direttament jew indirettament il-familja hija realtà dejjem attwali fl-istorja tal-imħabba, miġbura fil-kitbiet tal-poplu tar-Rabta l-Qadima, ta' Alla lejn il-poplu tiegħu. Imma ħa nippruvaw nżommu l-ħarsa tagħna fuq il-Ġdid Testment.

## Ir-realtà soċjali tal-familja fil-Ġdid Testment

Il-Vanġeli bħal donnhom tieqa miftuħa fuq ir-realtà tal-ħajja tal-familja fi żmien Ġesù. Spiss il-persunaġġi li jissemmew huma mlaqqma fil-ħajja tal-familja tagħhom. Mingħajr ma nitkellmu għalissa fuq l-istess familja ta' Ġesù, nistgħu nġibu diversi eżempji. Pietru huwa parti minn familja: jissemma ħuh Indrì, martu u omm il-mara tiegħu mfejqa minn Ġesù (Mk 1:30). Ġajru, li jitlob bil-ħerqa l-għajnuna ta' Ġesù, jidher flimkien ma' martu u ma' bintu mqajma mill-mewt (Mk 5:40-43). Il-familja ta' Najn hija magħmula minn omm, armla, u binha mqajjem ukoll mill-qawwa ta' Ġesù (Lq 7:12). Marta, Marija u Lazzru huma aħwa li jgħixu flimkien fid-dar (Ġw 11:1-



3; Lk 7:12). Is-Samaritana, diġà miżżewġa għal ħames darbiet, kienet qiegħda tgħix mas-sitt raġel tagħha (Ġw 4:16-18). Ġesù jistieden lilu nnifsu fid-dar ta' Żakkew u jwassal is-salvazzjoni fid-dar/familja tiegħu (Lq 19:1-10). Ma' dawn nistgħu nsemmu r-riferenzi li jsiru għad-djar għonja, bħal per ezempju tal-Qassisin il-Kbar u dik ta' Erodi Antipas, li kienu jiġbru fihom suldati u lsiera flimkien (Mk 6:17-29; 14:47, 53-72).

Kieku kellna niddiskrivu l-familja fil-Ġdid Testment fi ftit kliem nistgħu ngħidu li kienet realta' *patrilokali*, jiġifieri li n-nisa kienu jiżżewġu fil-familja ta' żwieġhom, bil-wirt li kien marbut man-nisel maskili. Id-djar spiss kienu jiġbru fihom anke tliet ġenerazzjonijiet: ir-raġel ma' martu, aħwa mhux miżżewġa, ulied mhux miżżewġa, ulied miżżewġa u neputijiet. L-ilsiera u persuni mħaddma mill-familja kienu jitqiesu bħala parti mid-dar u l-familja, bħalma kienu jitqiesu r-romol u anke barranin li kienu jinġabru taħt is-saqaf familjari ta' dawk li kienu jistgħu.

Il-familja fi żmien il-Ġdid Testment, f'dak li għandu x'jaqsam ma' awtorità, kellha qafas ġerarkiku. Il-missier jew r-raġel l-aktar anzjan kien jitqies bħala l-partrijarka. L-awtorità kollha kienet f'idejh. L-irġiel kellhom awtorità fuq in-nisa tagħhom (ara Sir 25:26), il-ġenituri fuq uliedhom (Eż 20:12; Sir 3:1-16; Tob 4:3-4). Ir-responsabilitajiet formali tal-familja, id-deċiżjonijiet u l-finanzi, kienu jaqgħu fuq il-missier, inkluża r-realtà li jinnegozja ż-żwieġ ta' uliedu. Niftakru li mal-mewt tal-missier din ir-responsabilità kienet taqa' fuq ibnu l-kbir. Il-parabboli ta' Ġesù jixhdu għall-awtorità li kellhom il-ġenituri fil-familja (Mt 18:23-34; 21:28-31; Lq 15:11-32), awtorità mseddqa minnu stess (Mk 7:9-13; 10:19; Lq 2:51). U forsi dan kollu jfakkarna wkoll f'kemm żvantaġġi kienu jiffaċċjaw ir-romol mingħajr il-bastun ta' żwieġhom.

Il-ħajja ta' kuljum tal-maġġoranza tal-familji kienet msejsa fuq ix-xogħol neċessarju biex wieħed jipprovdi għall-familja tiegħu. Jidher li kulħadd kellu r-responsabilitajiet tiegħu f'dan il-qasam: missirijiet, ommijiet, adulti u tfal żgħar, l-ilsiera u membri oħra fid-dar kellhom jagħtu sehem fid-dar, fix-xogħol, fil-ħidma tar-raba' (ara Mk 1:16-20; Mt 21:28-31; Lq 10:40; 15:25-32).

Il-familji, anke dik fis-sens aktar wiesa', kienu marbuta mal-komunità li fiha kienu jgħixu. Il-komunità lokali ta' raħal kienet tqis ruħha bħala familja (Lq11:5-8; 15:3-10). Il-Lhud stess kienu jqisu lilhom infushom bħala familja kbira.

## Żwieġ u divorzju

Id-drawwiet fuq iż-żwieġ u l-familja nistgħu niġbruhom mit-tagħlim tar-rabbini, tagħlim li bejn wieħed u ieħor jirrifletti żmien il-Ġdid Testment. Ir-rabbini kienu jistennew li r-raġel jiżżewweġ meta jkollu madwar għoxrin sena, wara li jkun studja t-*Torah*. Il-bniet kienu jingħataw għaż-żwieġ ftit wara l-pubertà. Il-biċċa l-kbira taż-żwiġijiet kienu jkunu żwiġijiet mifthiema bejn il-familji, imsejsa fuq l-approvazzjoni ta' missier it-tfajla jew ħuha l-kbir fl-assenza tal-missier (Tob 7:11-14). Fost il-Lhud kien obbligatorju li jiżżewġu ma' Lhud, anke jekk mhux l-ewwel darba li kien isir xi żwieġ ma' parti proselita. Żwieġ bejn il-kuġini kien permess fil-limitu ta' dak li kienet tistqarr il-Liġi f'Levitiku 18:6-17. Il-Levitiku kien iqiegħed ukoll kundizzjonijiet ċari rigward iż-żwiġijiet fost il-qassisin u l-qassisin il-kbar (Lev 21:7, 13-15).

L-ewwel pass lejn iż-żwieġ kien l-għerusija, li kienet tiġi ċċelebrata permezz ta' ċerimonja u kienet ittul għal diversi xhur, xhur li fihom l-għarajjes kienu jħejju għall-festa tat-tieġ u jħejju d-dar għall-familja l-ġdida tagħhom. L-għerusija kienet tinkludi fiha wegħda solenni ta' żwieġ, tant li l-għarajjes kienu jitqiesu daqslikieku miżżewġin. Kull infedeltà kienet titqies bħala adulterju (Dt 22:23-29) u l-ksur tal-wegħda tal-għerusija kienet teħtieġ anke l-kitba tad-divorzju.

Il-mara kienet tidħol għaż-żwieġ b'dota mħejjija apposta. Id-dota, almenu għal min ma kienx fqir iżżejjed, kienet tikkonsisti f'muniti jew oġġetti ta' valur; ħwejjeġ, borom, għodda tax-xogħol eċċ. Id-dota kienet formalment tappartjeni lir-raġel, imma setgħet tingħata lura lill-mara jekk imut ir-raġel jew jekk dan jitlaq lil martu bid-divorzju. Ir-raġel kien obbligat jagħmel ħlas lill-missier l-għarusa tiegħu, ħlas li kien jissejjaħ *mohar* (Ġen 34:12; Eż 22:15-16). Aktar tard fl-istorja hu kien obbligat jagħmel biss *kettubah*, kitba li biha jwiegħed somma flus lil martu jew uliedu fil-każ ta' mewtu jew divorzju: il-ħlas



imwiegħed kien ikun mill-inqas 200 dinar għal xebba u 100 dinar jekk jiżżewweġ mara li kienet diġà kienet miżżewġa.

Il-kitba taż-żwieġ, *ketubbah*, li kienet issir fit-tieġ kienet tixhed għar-rabta taż-żwieġ u tiċċara l-obbligazzjonijiet monetarji tal-partijiet (Tob 7:14). Din il-kitba kellha l-karatteristiċi kollha ta' kuntratt formali u fiha wieħed seta' isib dati, ismijiet, l-obbligazzjonijiet legali lejn xulxin, xhieda u firem.

Il-festa tat-tieġ kienet ittul anke sebat ijiem u kienet tibda b'purċissjoni tax-xebba lejn id-dar il-ġdida. Kien l-għarus, megħjun mill-'ħabib tal-għarus', li kien imur għal għarustu b'purċissjoni mżewqa bil-kant u ż-żfin. Element importanti tal-festa tat-tieġ kien il-mument li fih ried jiġi ppruvat li l-għarusa kienet verġni (Dt 22:13-31).

Ir-rabbini saħqu wkoll fuq l-obbligi tar-raġel u l-mara, li jinfthiemu fid-dawl tal-mentalità patrijarkali taż-żmien. Il-missier kien fid-dmir li jipprovdi għall-familja u jmantniha. Kellu jindokra bl-imħabba u bil-kura lil martu. Il-mara kellha d-dmir li tipprovdi l-ħwejjeġ u l-ikel għall-familja, ikollha x'taqsam mar-raġel, twelled u tieħu ħsieb iż-żgħar. Jekk il-mara ma kenitx twettaq dmirijietha, ir-raġel kellu l-permess jiddivorzjaha u jibgħatha u l-istess setgħet tagħmel il-mara, anke il-kitba kellha ssir mir-raġel. Ir-raġunijiet għad-divorzju kienu, almenu sal-ewwel seklu qabel Kristu, il-ksur tal-wegħdiet taż-żwieġ: fedeltà, kura fl-ilbies, fl-ikel u fl-imħabba fiżika. Nafu li fi żmien il-Ġdid Testment kien hemm dibattitu kbir fuq ir-raġunijiet validi għad-divorzju (Mt 19:3-9; ara wkoll Sir 25:16). L-iskola ta' Rabbi Xammaj kienet tqis biss l-adulterju bħala raġuni



ewlenija għad-divorzju; l-iskola ta' Rabbi Ħillel kienet tqis kwalunkwe ħaġa li ma kenitx togħġob lir-raġel fil-mara bħala raġuni biżżejjed għad-divorzju. Minħabba r-realtà tad-divorzju u l-mewt bikrija ta' waħda mill-partijiet, iż-żwieġ mill-ġdid kien komuni.

## Dmirijiet fil-familja

Il-prokreazzjoni tal-ulied kienet titqies bħala r-raġuni aħħarija ta' kull żwieġ: "Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha…" (Ġen 1:28). Żewġt itfal kienu jitqiesu bħala l-minimu li familja seta' jkollha, imma ġeneralment il-familji kienu numerużi ħafna. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li l-mortalità infantili kienet komuni ħafna. Anke jekk diversi metodi ta' kontroll tat-twelid kienu jeżistu ftit nafu fuq kemm dawn kienu jintużaw; ħaġa waħda hija ċerta li l-abort u l-qtil tat-tfal, komuni fis-soċjetà mhux Lhudija, ma kenux aċċettati fost il-Lhud.

Anke l-ulied kellhom id-dmirijiet lejn il-ġenituri. Kienu obbligati jweġġgħu lil missierhom u lil ommhom (Eż 20:12) fi spirtu ta' ubbidjenza li hija bieb miftuħ għas-sema. "Uliedi, isimgħu minni, jien missierkom; agħmlu kif ngħidilkom jien biex issalvaw. Għax il-Mulej għolla l-missier fuq it-tfal, u saħħaħ dritt l-omm fuq l-ulied…daqs midgħi min jitlaq lil missieru waħdu, u misħut mill-Mulej min jgħaddab lil ommu" (ara Sir 3:1-16); "Isma', ibni, kliem missierek, u twarrabx tagħlim ommok; dawn huma għalik kuruna sabiħa fuq rasek, u kullana ta' ġieħ madwar għonqok" (Prov 1:8-9).

Il-ġenituri kienu l-edukaturi ewlenin ta' wliedhom skont l-istqarrija tal-fidi Lhudija f'Dt 6:7: "Għallimhom lil uliedek!" L-edukazzjoni kienet prinċipalment reliġjuża u kien hemm fost is-subien li kienu jmorru fil-*beit midraxx*, fl-iskola tas-sinagoga. Id-dixxiplina korporali kienet parti mill-edukazzjoni: "Min iħobb 'l ibnu, ta' sikwit, jagħtih is-swat, ħalli fl-aħħar ikollu biex jifraħ. Min lil ibnu jżommlu, ibnu jkun għalih ta' ġieħ, u jiftaħar bih man-nies li jafhom. Min irabbi tajjeb 'l ibnu jqanqal l-għira tal-għadu, u jkun ferħan bih quddiem il-ħbieb… Widdeb lil ibnek u żommlu iebes, biex ma tixgħofx bl-għajb tiegħu" (ara Sir 30:1-13); "Agħmel għassa sewwa fuq tifla rasha iebsa, li ma tmurx iddaħħak l-għedewwa tiegħek bik, iġġibek f'ilsien il-belt kollha jew tagħmlek għajdut in-nies, u ġġiegħlek tistħi quddiem kotra kbira" (Sir 42:11). L-edukazzjoni tas-subien kienet responsabilità ewlenija tal-missier, filwaqt li l-edukazzjoni domestika tal-bniet kienet dik tal-omm. Jekk kienet tmut l-omm, il-missier kien obbligat li jkompli jipprovdi għal uliedu, anke jekk jerġa' jiżżewweġ u jwaqqaf familja oħra. Kienet prassi mbagħad, li l-wirt tal-missier jgħaddi fuq l-ulied subien, anke jekk il-bniet setgħu ma jiġux esklużi, speċjalment jekk jibqgħu ma jiżżewġux.

## Ix-xogħol

Iċ-ċirkustanzi ekononomiċi tal-familji fil-biċċa l-kbira kienu modesti ħafna. L-għonja kienu ftit: xi familji f'Ġerusalemm u dawk li kellhom artijiet kbar fil-Galilija, li spiss kienu f'idejn il-barranin li kienu jamministrawhom f'isem il-familji rjali. Il-familji kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum billi jaħdmu fil-biedja, fis-snajja' u f'xi negozju żgħir. Fil-Lhudija aktar komuni kienet it-trobbija tal-bhejjem. Mal-Baħar tal-Galilija wieħed seta' jsib ħafna li kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum bis-sajd. Fil-Wied tal-Ġordan kienu jaħdmu fl-għelieqi tad-dwieli u tat-tin. Ix-xogħol kien iebes għal kulħadd, anke għal dawk li kienu jaħdmu l-fuħħar, il-ħaddieda, il-konzaturi, il-ħajjata eċċ.

Ħafna familji kienu sabu xogħol fi żmien il-proġetti kbar ta' bini fi żmien is-Sultan Erodi l-Kbir. Imma l-qagħad kien komuni, ħafna familji kienu fil-fatt foqra, it-toroq perikolużi

minħabba l-ħallelin, it-taxxi għolja ħafna. Raġunijiet li xprunaw ħafna familji biex jemigraw mill-Palestina u jsibu xorti aħjar fid-diversi komunitajiet Lhud tad-*Diaspora*, jiġifieri barra l-Palestina, imxerrda fil-baċin tal-Mediterran.

## Id-Djar

Kif kienu d-djar tal-familji fi żmien il-Ġdid Testment nafuh mill-fdalijiet arkeoloġiċi u mill-letteratura rabbinika li titkellem fuq il-ħajja ta' kuljum tal-familji. Id-djar kienu magħmulin minn kmamar kwadri jew rettangulari, b'bitħa jew diversi btieħi, skont it-tip tad-dar. Il-bjut dejjem kienu ċatti. Uħud mid-djar kellhom ukoll it-tieni sular, uħud minnhom anke b'gallarija, li kont titla' għalih jew minn taraġ tal-ġebel jew sellum.

It-twieqi ġeneralment kienu żgħar u jitqiegħdu fl-għoli u jagħtu għall-bitħa. Il-ħitan ħoxnin kienu jitħallew b'speċi ta' niċeċ fihom u dan biex jintużaw biex dak li jkun jerfa' l-affarijiet. Il-ħitan kienu jitkaħħlu. Fid-djar tal-għonja it-tikħil kien ikun fin u mhux l-ewwel darba mpinġi bl-affreski. L-art kienet titballat bit-trab jew bit-tafal; it-twapet kienu jagħtu dehra isbaħ u jaqtgħu l-kesħa. Jekk familja kienet tat-tajjeb, l-artijiet kienu jinksew bil-madum tal-ġebel jew saħansitra anke bil-mużajk.

Il-materjal għall-bini kien karatteristiku tar-reġjun. Per eżempju, jekk wieħed jara l-fdalijiet tar-raħal ta' Kafarnahum, jinduna li d-djar żgħar tal-familji kienu jinbnew bil-basalt iswed karatterisiku tal-Galilija.

Il-letteratura rabbinika tiddeskrivi l-użu ta' żewġt ikmamar partikulari: il-kamra l-kbira, *traklin*, kienet tintuża għall-ikel u għal xi ċelebrazzjonijiet partikulari, imma anke għall-ħasil u għat-tisjir. Il-kamra l-oħra, il-*kiton*, kienet il-kamra għall-irqad fejn kulħadd kien jorqod flimkien (Lq 11:7). Fil-klima sħuna tal-Palestina l-bitħa jew btieħi u l-bjut ukoll kienu jintużaw spiss: għall-ikel, għall-bhejjem, biex inixxfu ż-żebbuġ, għall-ħaxix u l-frott u saħansitra għat-talb. Il-btieħi spiss kien ikollhom il-bir, bl-ilma għat-tisjir u l-ħasil. In-nuqqas ta' kmamar tal-banju jixhed għall-fatt li l-familji kienu jużaw vaż tal-fuħħar jew saħansitra barra biex ibattlu.

Interessanti, f'dan il-kuntest, huwa l-parir ta' Bin Sirak: "Il-ħwejjeġ ewlenija tal-ħajja huma l-ilma, il-ħobż u l-ilbies, u dar fejn tostor l-għera tiegħek. Aħjar il-ħajja ta' fqir fil-kenn taħt saqaf tal-injam, minn ikel bil-ħala għand il-barranin. Ħa jkun jogħġbok kemm il-ftit u kemm il-ħafna, u hekk ma tismax ċanfir, għax tkun ta' ħaddieħor. Jekk tgħix minn dar ħiereġ u f'oħra dieħel, tgħaddi ħajja ta' niket; u fejn tkun qiegħed ta' barrani lanqas ħalqek ma tkun tista' tiftaħ" (Sir 29:21-24).

*(Ikompli)*

## Referenzi

1 Din il-kitba nibtet frott impenn ta' tlett taħditiet fil-Parroċċa tal-Familja Mqaddsa fl-Iklin. Il-Kappillan talabni nitkellem fuq il-Familja Mqaddsa fl-Iskrittura. Dan fil-kuntest taż-żewġ Sinodi fuq il-Familja. L-ewwel Sinodu sar Ruma f'Ottubru tas-sena 2014. L-ieħor ser isir f'Ottubru li ġej, ta' din is-sena 2015.

2 Diskors ta' Pawlu VI, 5 ta' Jannar 1964.

3 D. W. Chapman, "Family,"in *The Eerdmans Dictionary of Early Judaism* (2010), 630–632; K. Galor, "Domestic Dwellings in Roman Palestine"' in *The Eerdmans Dictionary of Early Judaism* (2010), 547–550; D. Instone-Brewer, "Marriage and Divorce," in *The Eerdmans Dictionary of Early Judaism* (2010), 916–917; Bruno Liberani, Famiglia, vol.3 of *Schede Bibliche Pastorali* (EDB Bologna, 1983), 1265-1286; Peter Connolly, *Living in the Time of Jesus of Nazareth* (Steimatzky Ltd: Tel Aviv, 1983), 52-57; Eduard Lohse, *The New Testament Environment* (SCM Press Ltd: London, 1989), 146-150; C. Reeder, "Family," in *Dictionary of Jesus and the Gospels* (2013), 262–265; A. Sivertsev, "Family Religion," in *The Eerdmans Dictionary of Early Judaism* (2010), 633–634.